



# UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussel, 9 ta' Awwissu 2005  
(OR. en)

2004/0137 (COD)

PE-CONS 3631

EF 14  
ECOFIN 173  
CRIMORG 48  
CODEC 435  
OC 351

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu

**LINJI TA' GWIDA KOMUNI**

**Skadenza għall-konsultazzjoni: 24.08.2005**

**DIRETTIVA 2005/.../KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja  
għall-iskop tal-*money laundering*  
u l-finanzjament tat-terroriżmu**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) tiegħu, l-ewwel u t-tielet sentenzi, u l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Opinioni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2005... (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Flussi massiċi ta' flus maħmuġa jistgħu jagħmlu ħsara lill-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju u jheddu s-suq komuni, u t-terroriżmu jheżżeż proprju l-pedamenti tas-soċjetà tagħna. Barra l-applikazzjoni tal-liġi kriminali, sforz preventiv permezz tas-sistema finanzjarja jista' jagħti riżultati.
- (2) Is-saħħa, l-integrità u l-istabbiltà ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja kollha jistgħu jkunu perikolati b'mod serju bl-isforzi tal-kriminali u sħabhom sabiex jaħbu l-oriġini tad-dħul kriminali jew sabiex jikkanalizzaw flus legali jew illegali għal skopijiet terroristiċi. Sabiex ikun evitat li l-Istati Membri jadottaw miżuri għall-protezzjoni tas-sistemi finanzjarji tagħhom li jistgħu jkunu inkonsistenti mal-funzjonament tas-suq intern u mal-preskrizzjonijiet ta' l-istat tad-dritt u l-ordni pubbliku Ewropew, hija meħtieġa azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam.
- (3) Sabiex jiffaċilitaw l-attivitajiet kriminali tagħhom, dawk li jipprattikaw il-money laundering u dawk li jiffinanzjaw lit-terroristi jistgħu jippruvaw jieħdu vantaġġ mil-libertà ta' moviment tal-kapital u mil-libertà tal-provvista ta' servizzi finanzjarji inerenti fis-suq finanzjarju integrat, jekk ma jkunux adottati ċerti miżuri ta' koordinazzjoni fil-livell Komunitarju.

- (4) Bħala risposta għal dan it-tħassib fil-qasam tal-*money laundering*, kienet ġiet adottata d-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus<sup>1</sup>. Din kienet tesiġi li l-Istati Membri jipprojbixxu l-*money laundering* u jobbligaw lill-partijiet konċernati fis-settur finanzjarju, li jikkonsisti minn istituzzjonijiet ta' kreditu u firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra, jidentifikaw il-klijenti tagħhom, iżommu reġistri adegwati, jistabbilixxu proċeduri interni għat-taħriġ tal-persunal u jħarsu kontra l-*money laundering* u jirrapportaw kwalunkwe indikazzjonijiet ta' *money laundering* lill-awtoritajiet kompetenti.
- (5) Il-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu ta' spiss isiru f'kuntest internazzjonali. Miżuri adottati biss fil-livell nazzjonali jew ukoll fil-livell Komunitarju, mingħajr ma jittieħed kont tal-koordinazzjoni u l-koperazzjoni internazzjonali, ikollhom effetti limitati ħafna. Il-miżuri adottati mill-Komunità f'dan il-qasam għandhom għaldaqstant ikunu konsistenti ma' azzjonijiet oħra meħuda f'fora internazzjonali. L-azzjoni Komunitarja għandha tkompli tieħu kont partikolari tar-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-“FATF”), li jikkostitwixxi l-korp internazzjonali prinċipali attiv fil-ġlieda kontra l-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu. Billi r-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF ġew riveduti u mwessa b'mod sostanzjali fl-2003, din id-Direttiva għandha tiġi allinjata ma' dak l-*istandard* internazzjonali ġdid.
- (6) Il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) jippermetti li l-Membri jadottaw miżuri neċessarji sabiex jipproteġu l-morali pubbliċi, jipprevjenu l-frodi u jadottaw miżuri għal skopijiet prudenzjali, anke sabiex jiżguraw l-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja.

---

<sup>1</sup> ĠU L 166, 28.6.1991, p.77. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 344, 28.12.2001, p.76).

- (7) Għalkemm inizjalment limitata għar-reati tad-drogi, fis-snin riċenti kien hemm it-tendenza lejn definizzjoni iktar wiesgħa ta' *money laundering* bażata fuq firxa iktar wiesgħa ta' reati relattivi għall-*money laundering*. Firxa iktar wiesgħa ta' reati relattivi tiffaċilita r-rapportaġġ ta' transazzjonijiet suspettużi u l-koperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Għalhekk, id-definizzjoni ta' reati serji għandha tinġieb in linja mad-definizzjoni ta' reati serji fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/JHA tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità<sup>1</sup>.
- (8) Minbarra dan, l-użu ħażin tas-sistema finanzjarja sabiex flejjes kriminali kif ukoll flejjes nodfa jiġu kanalizzati għal skopijiet terroristiċi huwa ta' riskju ċar għall-integrità, għall-funzjonament korrett, għar-reputazzjoni u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Għaldaqstant, il-miżuri preventivi ta' din id-Direttiva għandhom ikopru mhux biss il-manipulazzjoni ta' flus li jiġu mill-kriminalità iżda ukoll il-ġbir ta' flus jew proprjetà għal skopijiet terroristiċi.

---

<sup>1</sup> ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1.

- (9) Għalkemm id-Direttiva 91/308/KEE timponi l-obbligu ta' l-identifikazzjoni tal-klijent, fiha relattivament ftit dettall dwar il-proċeduri rilevanti. Minħabba l-importanza kruċjali ta' dan l-aspett tal-prevenzjoni tal-*money laundering* u tal-finanzjament tat-terroriżmu, jixraq, skond l-*standards* internazzjonali l-ġodda, li jiġu introdotti disposizzjonijiet aktar speċifiċi u dettaljati li jirrigwardaw l-identifikazzjoni tal-klijent u ta' kwalunkwe sid benefiċjarju, u l-verifika ta' l-identità tagħhom. Għal dik ir-raġuni hija essenzjali definizzjoni preċiża ta' "sid benefiċjarju". Fejn il-benefiċjarji individwali ta' xi entità legali jew ta' xi arranġament bħal fondazzjoni jew trust għad iridu jiġu stabbiliti, u għaldaqstant ikun impossibbli li jiġi identifikat individwu bħala s-sid benefiċjarju, ikun biżżejjed li tiġi identifikata l-klassi ta' persuni intenzi li jkunu l-benefiċjarji tal-fondazzjoni jew tat-trust. Dan ir-rekwiżit ma għandux jinkludi l-identifikazzjoni ta' l-individwi f'dik il-klassi ta' persuni.
- (10) L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom, konformement ma' din id-Direttiva, jidentifikaw u jivverifikaw l-identità tas-sid benefiċjarju. Sabiex jissodisfaw dan ir-rekwiżit għandu jitħalla f'idejn dawk l-istituzzjonijiet u persuni jekk jagħmlux użu mir-*records* pubbliċi tas-sidien benefiċjarji, jekk jistaqsux lill-klijenti tagħhom għad-*data* rilevanti jew jakkwistawx l-informazzjoni b'xi mod ieħor, b'kont meħud tal-fatt li l-firxa ta' dawn il-miżuri ta' "diliġenza dovuta mal-klijent" hija relatata mar-riskju ta' *money laundering* u tal-finanzjament tat-terroriżmu, li jiddependi fuq it-tip ta' klijent, ir-relazzjoni ta' negozju, il-prodott jew it-transazzjoni.
- (11) Dawk il-ftehim ta' għoti ta' kreditu li bihom il-kont ta' kreditu iservi esklussivament sabiex jitħallas is-self, u l-ħlas lura tas-self isir minn kont li kien miftuħ f'isem il-klijent ma' istituzzjoni ta' kreditu koperta minn din id-Direttiva skond l-Artikolu 8(1)(a) sa (ċ), għandhom ġeneralment jitqiesu bħala eżempji ta' tipi ta' transazzjonijiet inqas riskjużi.

- (12) Sa fejn dawk li jipprovdu l-proprjetà ta' entità ġuridika jew arranġament ġuridiku ikollhom kontroll fuq l-użu tal-proprjetà, huma għandhom jiġu identifikati bħala sidien benefiċjarji.
- (13) Ir-relazzjonijiet ta' fiduċja jintużaw ħafna fir-rigward ta' prodotti kummerċjali bħala aspett rikonoxxut internazzjonalment tas-swieq finanzjarji għall-ingrossa li huma sorveljati b'mod komprensiv. L-obbligu li jkun identifikat is-sid benefiċjarju ma jiġix mill-fatt biss li hemm relazzjoni ta' fiduċja f'dan il-każ partikolari.
- (14) Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal dawk l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minnha li jitwettqu fuq l-Internet.
- (15) Billi l-issikkar tal-kontrolli fis-settur finanzjarju wassal lil dawk li jipprattikaw il-money laundering u lil dawk li jiffinanzjaw it-terroristi li jfittxu metodi alternattivi sabiex jaħbu l-oriġini tad-dħul mill-kriminalità u billi dawn il-mezzi jistgħu jintużaw sabiex ikun iffinanzjat it-terroriżmu, l-obbligi ta' kontra l-*money laundering* u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu għandhom ikopru l-intermedjarji fl-assikurazzjoni tal-ħajja u l-fornituri ta' servizzi fir-rigward ta' *trusts* u kumpanniji.
- (16) Dawk l-entitajiet li diġà jaqgħu taħt ir-responsabbiltà legali ta' impriża ta' l-assikurazzjoni, u li b'hekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ma għandhomx ikunu inklużi fil-kategorija ta' intermedjarji ta' l-assikurazzjoni.
- (17) Il-qadi ta' dmirijiet f'kariga ta' direttur jew segretarju ta' kumpannija fih innifsu ma jaqgħu lil xi ħadd fornitur ta' servizzi ta' trust u ta' servizzi ta' kumpanniji. Għaldaqstant, id-definizzjoni tkopri biss dawk il-persuni li jaqgħu bħala direttur jew segretarju ta' kumpannija għal terzi u bħala negozju.

- (18) L-użu tal-ħlas permezz ta' ammonti kbar ta' flus kontanti wera ripetutament kemm dan huwa suxxettibbli għall-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu. Għaldaqstant f' dawk l-Istati Membri li jippermettu ħlas fi flus kontanti 'l fuq mil-limitu stabbilit, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li jikkummerċjalizzaw merċi bħala negozju meta jaċċettaw ħlasijiet bħal dawn fi flus kontanti għandhom ikunu koperti minn din id-Direttiva. Negozjanti ta' oġġetti ta' valur għoli, bħall-ħaġar jew metalli prezzjużi, jew xogħlijiet ta' l-arti, u irkantaturi huma fi kwalunkwe każ koperti mid-Direttiva sa fejn il-ħlasijiet lilhom isiru fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 15 000 jew aktar. Sabiex tiġi żgurata sorveljanza effikaċi tal-konformità ma' din id-Direttiva minn dak il-grupp potenzjalment kbir ta' istituzzjonijiet u persuni, l-Istati Membri jistgħu jiffukkaw l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom b' mod partikulari fuq dawk il-persuni fiżiċi u legali li jinnegozjaw f' merċi li huma esposti għal riskju relattivament għoli ta' *money laundering* u finanzjament tat-terroriżmu, skond il-prinċipju tas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju. Minħabba s-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri diversi, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jadottaw disposizzjonijiet aktar stretti sabiex jindirizzaw tajjeb ir-riskju nvolut fl-użu tal-ħlas permezz ta' ammonti kbar ta' flus kontanti.
- (19) Id-Direttiva 91/308/KEE gābet lin-nutara u professjonisti legali indipendenti oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim Komunitarju kontra l-*money laundering*; din il-kopertura għandha tinżamm kif inhi f'din id-Direttiva; dawn il-professjonisti legali, kif definiti mill-Istati Membri, huma suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva meta jipparteċipaw fi transazzjonijiet finanzjarji u korporattivi, inkluż l-għoti ta' pariri dwar it-taxxa, fejn hemm l-akbar riskju li s-servizzi ta' dawk il-professjonisti legali jintużaw ħażin għall-iskop tal-*laundrying* tar-rikavat ta' attività kriminali jew għall-iskop tal-finanzjament tat-terroriżmu.

- (20) Fejn il-membri indipendenti tal-professjonijiet li jagħtu pariri legali u li huma legalment rikonoxxuti u kontrollati, bħall-avukati, ikunu qegħdin jaċċertaw il-posizzjoni legali ta' klijent jew jirrappreżentaw klijent fi proċedimenti legali ma jkunx jixraq taħt din id-Direttiva li dawk il-professjonisti legali jitpoġġew, fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet, taħt obbligu li jirrappurtaw suspetti ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu. Għandhom jeżistu eżenzjonijiet minn kull obbligu ta' rapportaġġ ta' informazzjoni miksuba qabel, matul jew wara proċedimenti ġudizzjarji, jew waqt li tkun qiegħda tiġi aċċertata l-posizzjoni legali ta' klijent. Għaldaqstant, il-pariri legali għandhom jibqgħu suġġett għall-obbligu tas-sigriet professjonali għajr jekk il-konsulent legali jkun qiegħed jieħu sehem fil-*money laundering* jew fil-finanzjament tat-terroriżmu, jekk il-parir legali jingħata għall-iskopijiet ta' *money laundering* jew tal-finanzjament tat-terroriżmu jew jekk l-avukat ikun jaf li l-klijent qiegħed ifittex parir legali għal skopijiet ta' *money laundering* jew tal-finanzjament tat-terroriżmu.
- (21) Dawk is-servizzi li huma direttament komparabbli għandhom ikunu trattati bl-istess manjiera meta mogħtija minn kwalunkwe wieħed mill-professjonisti koperti b'din id-Direttiva. Sabiex jiġi żgurat ir-rispett lejn id-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u fit-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, fil-każ ta' awdituri, *accountants* esterni u konsulenti tat-taxxa li, f'xi Stati Membri, jistgħu jiddefendu jew jirrappreżentaw klijent fil-kuntest ta' proċedimenti ġuridiċi jew jaċċertaw il-posizzjoni legali tal-klijent, l-informazzjoni li huma jiksbu fit-twertiq ta' dawk il-kompiti ma għandhiex tkun suġġetta għall-obbligi ta' rapportaġġ skond din id-Direttiva.

- (22) Għandu jkun rikonoxxut li r-riskju ta' *money laundering* u tal-finanzjament tat-terroriżmu m'humiex l-istess f'kull każ. Konformement ma' metodu bbażat fuq ir-riskju, għandu jkun introdott il-prinċipju fil-liġi Komunitarja li f'każijiet xierqa tiġi aċċettata forma simplifikata tad-diliġenza dovuta mal-klijent.
- (23) Id-deroga dwar l-identifikazzjoni tas-sidien benefiċjarji ta' kontijiet akkomunati miżmuma minn nutara jew professjonisti legali indipendenti oħra għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi li dawk in-nutara jew professjonisti legali indipendenti oħra għandhom skond din id-Direttiva. Dawk l-obbligi jinkludu l-ħtieġa li dawn in-nutara jew professjonisti legali indipendenti oħra jidentifikaw huma stess is-sidien benefiċjarji ta' kontijiet akkomunati miżmuma minnhom.
- (24) Bl-istess mod, il-liġi Komunitarja għandha tirrikonoxxi li ċerti sitwazzjonijiet jippreżentaw riskju ikbar ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu. Għalkemm għandhom jiġu stabbiliti l-identità u l-profil tan-negozju tal-klijenti kollha, ikun hemm każijiet fejn ikunu meħtieġa proċeduri partikolarment rigorużi ta' l-identifikazzjoni tal-klijent u ta' verifika.
- (25) Dan japplika b'mod partikolari għar-relazzjonijiet ta' negozju ma' individwi li għandhom, jew li kellhom, karigi pubbliċi importanti, b'mod partikolari dawk minn pajjiżi fejn il-korruzzjoni hija mifruxa. Dawn ir-relazzjonijiet jistgħu jesponu lis-settur finanzjarju b'mod partikolari għal riskji reputazzjonali u/jew legali sinifikanti. Il-ġlieda, fuq skala internazzjonali, kontra l-korruzzjoni tiġġustifika wkoll skrutinju speċjali ta' każijiet bħal dawn u l-applikazzjoni tal-miżuri normali kollha ta' diliġenza dovuta mal-klijent fir-rigward ta' persuni esposti politikament fuq livell domestiku jew l-applikazzjoni ta' miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta mal-klijent fir-rigward ta' persuni esposti politikament li jkunu residenti fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.

- (26) L-otteniment ta' l-approvazzjoni mill-livelli superjuri tat-tmexxija sabiex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ta' negozju ma jimplikax l-otteniment ta' l-approvazzjoni mill-bord tad-diretturi iżda jfisser approvazzjoni mill-livell ġerarkiku immedjatament fuq il-persuna li tfittex tali approvazzjoni.
- (27) Sabiex jiġu evitati proċeduri ripetuti ta' identifikazzjoni tal-klijent, li jwasslu għal dewmien u ineffiċjenza fin-negozju, huwa xieraq, suġġett għas-salvagwardji adatti, li tiġi permessa l-introduzzjoni ta' klijenti li l-identifikazzjoni tagħhom tkun saret x'imkien ieħor. F'dawk il-każijiet fejn istituzzjoni jew persuna koperti minn din id-Direttiva jafdaw terzi, ir-responsabbiltà finali għall-proċedura ta' diliġenza dovuta mal-klijent tibqa' ta' l-istituzzjoni jew persuna li lilha tkun saret l-introduzzjoni tal-klijent. Il-parti terza, jew dik li tintroduċi, tibqa' responsabbli fir-rigward tar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din id-Direttiva, inkluż ir-rekwiżit li tirrapporta transazzjonijiet suspettużi u żżomm ir-*records*, sa fejn iwasslu r-relazzjonijiet tagħha mal-klijent koperti minn din id-Direttiva.

- (28) Fil-każ ta' relazzjonijiet ta' aġenzija jew ta' "outsourcing" fuq bażi kontrattwali bejn istituzzjonijiet jew persuni koperti minn din id-Direttiva u persuni fiżiċi jew ġuridiċi esterni mhux koperti minnha, kwalunkwe obbligu kontra *l-money laundering* u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu għal dawk l-aġenti jew fornituri ta' "outsourcing", bħala parti mill-istituzzjonijiet jew bħala persuni koperti minn din id-Direttiva, jista' jiġi biss minn kuntratt u mhux minn din id-Direttiva. Ir-responsabbiltà għall-konformità ma' din id-Direttiva għandha tibqa' ta' l-istituzzjoni u l-persuna koperti minnha.
- (29) Transazzjonijiet suspettużi għandhom jiġu rapportati lill-unità ta' l-intelliġenza finanzjarja (*FIU*), li sservi bħala ċentru nazzjonali sabiex tirċievi, tanalizza, u tqassam lill-awtoritajiet kompetenti rapporti dwar transazzjonijiet suspettużi u informazzjoni oħra dwar *money laundering* jew finanzjament terroristiku potenzjali. Dan m'għandux iġiegħel lill-Istati Membri li jibdlu s-sistemi attwali tagħhom ta' rapportaġġ meta r-rapportaġġ iseħħ permezz ta' prosekutur pubbliku jew permezz ta' awtoritajiet oħra għall-infurzar tal-liġi, kemm-il darba l-informazzjoni tiġi komunikata minnufih u mingħajr ċensura lill-*FIUs* u dan jippermettilhom li jwettqu xogħolhom adegwatament, inkluża l-koperazzjoni internazzjonali ma' *FIUs* oħra.

- (30) Bħala deroga mill-projbizzjoni ġenerali kontra t-twettiq ta' transazzjonijiet suspettużi, l-istituzzjonijiet u persuni koperti minn din id-Direttiva jistgħu jwettqu transazzjonijiet suspettużi qabel ma javżaw lill-awtoritajiet kompetenti meta jkun impossibbli li ma dawn jitwettqux jew fejn, jekk ma titwettaqx tali transazzjoni, jistgħu jixxekklu l-isforzi sabiex jinqabdu l-benefiċjarji ta' operazzjoni ta' *money laundering* jew finanzjament tat-terroriżmu suspettuża. Dan, madankollu, għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali aċċettati mill-Istati Membri li jiffriżaw mingħajr dewmien fondi jew assi oħra ta' terroristi, ta' organizzazzjonijiet terroristiċi jew ta' dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu, skond ir-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (31) Fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 23(2), huwa jista' jippermetti jew jitlob lill-korp awto-regolatorju li jirrappreżenta lill-persuni li huma msemmija f'dak l-Artikolu sabiex ma jittrażmettix lill-*FIU* kwalunkwe informazzjoni ottenuta mingħand dawk il-persuni fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dak l-Artikolu.
- (32) Kien hemm numru ta' każijiet ta' impjegati li rrapportaw is-suspetti tagħhom dwar *money laundering* u li kienu suġġetti għal theddid jew xi azzjoni ostili. Għalkemm din id-Direttiva ma tistax tindaħal fil-proċeduri ġudizzjarji ta' l-Istati Membri, din hija kwistjoni kruċjali għall-effikaċja tas-sistema kontra l-*money laundering* u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. L-Istati Membri għandhom ikunu konxji ta' din il-problema u għandhom jagħmlu kull ma jistgħu sabiex iħarsu lill-impjegati minn tali theddid jew azzjoni ostili.

- (33) L-iżvelar ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 28 għandu jkun skond ir-regoli dwar it-trasferiment ta' *data* personali lill-pajjiżi terzi kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*<sup>1</sup>. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 ma jistgħux jinterferixxu mal-liġijiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* u tas-sigriet professjonali.
- (34) Il-persuni li sempliċiment ibiddu dokumenti tal-karta f'*data* elettronika u jkunu qegħdin jaġixxu taħt kuntratt ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja ma jaqgħux fil-kamp ta' din id-Direttiva, u lanqas taqa' fil-kamp tagħha kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprova lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji biss b'messaġġ jew b'sistemi ta' appoġġ oħra għad-dispaċċ ta' fondi jew b'sistema ta' "clearance" u ta' ħlas.
- (35) Il-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu huma problemi internazzjonali u l-isforz sabiex jiġu kombattuti għandu jkun globali. Fejn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji Komunitarji ikollhom fergħat u sussidjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi fejn il-liġi li tirregola dan il-qasam tkun defiċjenti, dawn għandhom, sabiex jevitaw l-applikazzjoni ta' *standards* differenti ħafna fi ħdan istituzzjoni jew grupp ta' istituzzjonijiet, japplikaw l-*istandard* Komunitarju jew, jekk din l-applikazzjoni tkun impossibbli, jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tagħhom.

---

<sup>1</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p.1).

- (36) Huwa importanti li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji ikunu jistgħu jirrispondu malajr għal talbiet għal informazzjoni dwar jekk għandhomx relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni indikati b'isimhom. Għall-iskop ta' l-identifikazzjoni ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' negozju sabiex ikunu jistgħu jagħtu dik l-informazzjoni malajr, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom ikollhom stabbiliti sistemi effettivi li jkunu adegwament proporzjonati għad-daqs u n-natura tan-negozju. B'mod partikolari ikun kunsiljabbli għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji kbar li jkollhom sistemi elettroniċi għad-disposizzjoni tagħhom. Din id-disposizzjoni hija ta' importanza partikolari fil-kuntest tal-proċeduri li jwasslu għal miżuri bħall-iffriżar jew il-qbid ta' assi (inklużi assi ta' terroristi), skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi Komunitarja applikabbli bl-iskop li jiġi kombattut it-terroriżmu.
- (37) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dettaljati għad-"diliġenza dovuta mal-klijent", inkluża diliġenza imsaħħa dovuta mal-klijenti għal dawk il-klijenti jew relazzjonijiet ta' negozju ta' riskju għoli, bħal proċeduri adatti sabiex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex persuna esposta politikament, u ċerti rekwiżiti addizzjonali, aktar dettaljati, bħall-eżistenza ta' proċeduri u linji ta' kondotta fl-immaniġġar tal-konformità. Dawn ir-rekwiżiti kollha għandhom jintlaħqu minn kull waħda mill-istituzzjonijiet u persuni koperti minn din id-Direttiva, filwaqt li l-Istati Membri huma mistennija li jfasslu l-implementazzjoni dettaljata ta' dawk id-disposizzjonijiet għall-partikolaritajiet tad-diversi professjonijiet u għad-differenzi fl-iskala u d-daqs ta' l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva.
- (38) Sabiex jiġi żgurat l-impenn kontinwu ta' l-istituzzjonijiet u ta' oħrajn suġġetti għal-liġi Komunitarja f'dan il-qasam, fejn ikun prattiku, għandu jsir disponibbli għalihom "feedback" dwar l-utilità, u dwar segwitu għar-rapporti li huma jippreżentaw. Sabiex dan isir possibbli, u sabiex ikunu jistgħu jagħmlu reviżjoni ta' l-effikaċja tas-sistemi tagħhom għall-ġlieda kontra l-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-Istati Membri għandhom iżommu u jtejbu l-istatistiċi rilevanti.

- (39) Meta jirreġistraw jew jagħtu liċenzja, fuq bażi nazzjonali, lil xi uffiċċju tal-kambju tal-flus, fornitur ta' servizzi ta' trust u ta' kumpanniji jew każinò, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu jew li se jnneqqu n-negozju ta' dawn l-entitajiet u s-sidien benefiċjarji ta' dawn l-entitajiet ikunu persuni adatti u xierqa. Il-kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex adatta u xierqa jew le għandhom ikunu stabbiliti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Bħala minimu dawn il-kriterji għandhom jirriflettu l-bżonn li jiġiharsu dawn l-entitajiet milli jintużaw ħażin mid-diretturi jew mis-sidien benefiċjarji tagħhom għal skopijiet kriminali.
- (40) Filwaqt li jittieħed kont tal-karattru internazzjonali tal-*money laundering* u tal-finanzjament tat-terroriżmu, il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-unitajiet ta' l-intelliġenza finanzjarja kif imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/JHA tas-17 ta' Ottubru 2000 dwar l-arranġamenti għall-koperazzjoni bejn l-FIUs ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni<sup>1</sup>, inkluż it-twaqqif ta' FIU-net ta' l-UE, għandhom kemm jista' jkun jiġu mħeġġa f'medda mill-aktar wiesgħa. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tagħti dik l-għajnuna li tista' tkun meħtieġa sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni, inkluża l-għajnuna finanzjarja.

---

<sup>1</sup> ĠU L 271, 24.10.2000, p. 4.

- (41) L-importanza tal-ġlieda kontra l-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu għandha twassal lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-liġi nazzjonali kontra n-nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Għandhom jiġu stabbiliti disposizzjonijiet li jipprevedu pieni fir-rigward ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi. Billi persuni ġuridiċi ta' spiss ikunu involuti f'operazzjonijiet kumplessi ta' *money laundering* u ta' finanzjament tat-terroriżmu, is-sanzjonijiet għandhom ikunu aġġustati skond l-attività mwettqa mill-persuni ġuridiċi.
- (42) Persuni fiżiċi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1)(3)(a) u (b) fi ħdan l-istruttura ta' persuna ġuridika, iżda fuq bażi indipendenti, għandhom ikunu indipendentement responsabbli għall-konformità mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 35.
- (43) Tista' tkun meħtieġa il-kjarifika ta' l-aspetti tekniċi tar-regoli stipulati f'din id-Direttiva sabiex ikun żgurat li din id-Direttiva tiġi implementata b'mod effettiv u b'mod suffiċjentement konsistenti, b'kont meħud ta' l-istrumenti finanzjarji, tal-professjonijiet u tar-riskji differenti fl-Istati Membri differenti u ta' l-iżviluppi tekniċi fil-ġlieda kontra l-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu. Għaldaqstant il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat sabiex tadotta miżuri ta' implementazzjoni, bħal ċerti kriterji sabiex jiġu identifikati sitwazzjonijiet ta' riskju baxx jew għoli li fihom tista' tkun suffiċjenti forma simplifikata ta' diliġenza dovuta jew tista' tkun kunsiljabbli forma msaħħa ta' diliġenza dovuta, skond il-każ, sakemm dawn il-miżuri ma jimmodifikawx l-elementi essenzjali ta' din id-Direttiva u sakemm il-Kummissjoni timxi skond il-prinċipji stabbiliti fiha, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Prevenzjoni tal-*Money Laundering* u tal-Finanzjament tat-Terroriżmu.

- (44) Il-miżuri neċessarji għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni<sup>1</sup>. Għal dak il-għan għandu jiġi stabbilit Kumitat ġdid għall-Prevenzjoni tal-*Money Laundering* u tal-Finanzjament tat-Terroriżmu, li jieħu post il-Kumitat ta' Kuntatt dwar il-*Money Laundering* stabbilit bid-Direttiva 91/308/KEE.
- (45) Fid-dawl ta' l-emendi sostanzjali ħafna li hemm bżonn li jsiru lid-Direttiva 91/308/KEE, din għandha titħassar għal raġunijiet ta' ċarezza.
- (46) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'mod konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.
- (47) Fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni tagħha skond din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipji li ġejjin: il-bżonn ta' livelli għolja ta' trasparenza u ta' konsultazzjoni ma' istituzzjonijiet u persuni koperti minn din id-Direttiva u mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill; il-bżonn li l-awtoritajiet kompetenti ikunu kapaċi jiżguraw konformità mar-regoli b'mod konsistenti; il-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji għall-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva tul perjodu twil ta' żmien fi kwalunkwe miżuri ta' implementazzjoni; il-bżonn li tiġi rispettata l-flessibbiltà meħtieġa fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' implementazzjoni abbażi ta' konossenza tar-riskji; il-bżonn li tiġi żgurata koerenza ma' liġijiet oħra Komunitarji f'dan il-qasam; il-bżonn li l-Komunità, l-Istati Membri tagħha u ċ-ċittadini tagħhom ikunu mħarsa mill-konsegwenzi tal-*money laundering* u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

---

<sup>1</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

- (48) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Xejn f'din id-Direttiva m'għandu jiġi interpretat jew implementat b'mod li ma jkunx konsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
- (49) Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu<sup>1</sup>,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

---

<sup>1</sup> ĠU C 40, 17.2.2005, p.9.

# Kapitolu I

## Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

### *Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu jkunu proġbiti.
2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dawn li ġejjin, meta jitwettqu bi ħsieb, għandhom jitqiesu bħala *money laundering*:
  - (a) il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà, bil-konozzenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn komploti f'tali attività, għall-iskop ta' ħabi jew travestiment ta' l-orijini illeċiti tal-proprjetà jew sabiex tingħata għajnuna lil kwalunkwe persuna li tkun involuta fit-tweqqif ta' tali attività sabiex tevadi l-konsegwenzi legali ta' l-azzjoni tagħha;
  - (b) il-ħabi jew travestiment tan-natura, sors, lokalità, dispożizzjoni, moviment, jew sidien veri tal-proprjetà jew tad-drittijiet veri fir-rigward tagħha, bil-konozzenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn komploti f'tali attività;

- (ċ) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, bil-konoxxenza, fiż-żmien tar-riċezzjoni tagħha, li tali proprjetà ġiet minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività;
- (d) il-kompliċità, l-assoċjazzjoni, it-tentattiv, u l-għoti ta' għajnuna, l-istigazzjoni, l-aġevolazzjoni u l-għoti ta' pariri fit-twettiq jew għat-twettiq ta' xi waħda mill-azzjonijiet imsemmija fil-punti hawn fuq.

3. Il-*money laundering* għandu jitqies bħala tali anke fejn l-attivitajiet li ġġeneraw il-proprjetà destinata għal-*laundering* twettqu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew f'dak ta' pajjiż terz.

4. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "finanzjament tat-terroriżmu" tfisser il-provvista jew il-ġbir ta' fondi, bi kwalunkwe mezz, b'mod dirett jew indirett, bil-ħsieb li jintużaw jew bil-konoxxenza li se jrin jintużaw, kollha jew parzjalment, sabiex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati fis-sens ta' l-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.

5. Il-konozzenza, il-ħsieb jew l-iskop meħtieġ bħala element ta' l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 4 jistgħu jiġu dedotti minn ċirkostanzi fattwali oġġettivi.

## *Artikolu 2*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

- (1) istituzzjonijiet ta' kreditu;
- (2) istituzzjonijiet finanzjarji;
- (3) il-persuni ġuridiċi jew fiżiċi, li gejgin, meta jaġixxu fl-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali tagħhom:
  - (a) awdituri, *accountants* esterni u konsulenti tat-taxxa;
  - (b) nutara u professjonisti legali indipendenti oħra, meta dawn jippartecepaw, kemm jekk jaġixxu f' isem jew għall-klijent tagħhom fi kwalunkwe transazzjoni finanzjarja jew immobbljarja, kif ukoll jekk jgħinu fl-ippjanar jew fl-esekuzzjoni tat-transazzjonijiet għall-klijent tagħhom dwar:
    - (i) ix-xiri u l-bejgħ ta' proprjeta' immobbli jew ta' entitajiet kummerċjali;
    - (ii) l-amministrazzjoni ta' flus, titoli jew assi oħra tal-klijent;

- (iii) il-ftuħ jew l-amministrazzjoni ta' kontijiet bankarji ta' tfaddil jew ta' titoli;
  - (iv) l-organizzazzjoni tal-kontributi neċessarji għall-kostituzzjoni, jew għall-operat jew għall-ġestjoni ta' kumpanniji;
  - (v) il-kostituzzjoni, l-operat jew il-ġestjoni ta' *trusts*, ta' kumpanniji jew ta' strutturi simili;
- (ċ) fornituri ta' servizzi ta' trust jew ta' kumpanniji li mhumiex diġà koperti mill-punti (a) jew (b);
- (d) aġenti immobbljarji;
- (e) persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra li jinnegozjaw f'merċi, biss sa fejn il-ħlasijiet isiru fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 15 000 jew iżjed, kemm jekk it-transazzjoni titwettaq f'operazzjoni waħda kif ukoll jekk f'diversi operazzjonijiet li jidhru marbuta ma' xulxin;
- (f) każinojiet.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li daww il-persuni ġuridiċi u fiżiċi li jeżerċitaw xi attività finanzjarja fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna u fejn ftit hemm riskju ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu ma jaqgħux fl-ambitu ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(1) jew (2).

### Artikolu 3

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (1) “istituzzjoni ta' kreditu” tfisser istituzzjoni ta' kreditu, kif definita fl-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE<sup>1</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu<sup>1</sup>, inklużi l-fergħat, fis-sens ta' l-Artikolu 1(3) ta' dik id-Direttiva, li jinsabu fil-Komunità ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom ġewwa jew barra l-Komunità;
- (2) “istituzzjonijiet finanzjarji” tfisser:
- (a) impriża għajr istituzzjoni ta' kreditu li twettaq waħda jew iżjed mill-operazzjonijiet inklużi fil-punti 2 sa 12 u l-punt 14 ta' l-Anness I mad-Direttiva 2000/12/KE, inklużi l-attivitajiet ta' uffiċċji tal-kambju (*bureaux de change*) u ta' uffiċċji tat-trasmissjoni jew tad-dispaċċ ta' flus;

---

<sup>1</sup> ĠU L 126, 26.5.2000, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/1/KE (ĠU L 79, 24.3.2005, p.9).

- (b) kumpanija ta' l-assikurazzjoni kif awtorizzata konformement mad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assikurazzjoni fuq il-ħajja<sup>1</sup>, sakemm din twettaq attivitajiet koperti minn dik id-Direttiva;
- (ċ) impriża ta' l-investment kif definita fl-Artikolu 4(1)(i) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq ta' strumenti finanzjarji<sup>2</sup>;
- (d) impriża ta' investment kollettiv li tikkummerċjalizza l-*units* jew l-*ishma* tagħha;
- (e) intermedjarju ta' l-assikurazzjoni kif definit fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2002/92/KE tad-9 ta' Diċembru 2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-medjazzjoni fl-assikurazzjoni<sup>1</sup>, bl-eċċezzjoni ta' intermedjarji kif imsemmija fl-Artikolu 2(7) ta' dik id-Direttiva, meta jaġixxu fir-rigward ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja u servizzi oħra konnessi ma' l-investment;
- (f) fergħat, meta jinsabu fil-Komunità, ta' istituzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-punti (a) sa (e) li l-uffiċċji prinċipali tagħhom ikunu ġewwa jew barra l-Komunità;

---

<sup>1</sup> ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/66/KE.

<sup>2</sup> ĠU L 145, 30.4.2004, p.1.

<sup>1</sup> ĠU L 9, 15.1.2003, p.3.

- (3) “proprjetà” tfisser assi ta’ kull tip, sew korporali jew inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali fi kwalunkwe forma inkluża dik elettronika jew diġitali, li tixhed it-titolu ta’ tali assi jew l-interess fihom.
- (4) “attività kriminali” tfisser kwalunkwe tip ta’ involviment kriminali fit-twettiq ta’ reati serji.
- (5) “reati serji” tfisser, għall-inqas:
- (a) atti kif definiti fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/JHA;
  - (b) kwalunkwe reat minn fost dawk definiti fl-Artikolu 3(1)(a) tal-Konvenzjoni ta’ l-1988 tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illiċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi;
  - (ċ) l-attivitajiet ta’ organizzazzjonijiet kriminali kif definiti fl-Artikolu 1 ta’ l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/733/JHA tal-21 ta’ Diċembru 1998 dwar il-kriminalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>;
  - (d) frodi, għall-inqas serja, kif definita fl-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta’ l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej<sup>2</sup>;
  - (e) korruzzjoni;

---

<sup>1</sup> ĠU L 351, 29.12.1998, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

- (f) ir-reati kollha punibbli bid-deprivazzjoni tal-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' aktar minn sena jew, fir-rigward ta' dawk l-Istati li għandhom livell minimu indikattiv għar-reati fis-sistema legali tagħhom, ir-reati kollha punibbli bid-deprivazzjoni tal-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal minimu ta' iżjed minn sitt xhur.
- (6) 'sid benefiċjarju' tfisser il-persuna jew persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar ikunu s-sidien tal-klijent jew jikkontrollaw il-klijent u/jew il-persuna fiżika li f'isimha titwettaq xi transazzjoni jew attività; is-sid benefiċjarju għandu mill-inqas jinkludi:
- (a) għal entitajiet korporati:
- (i) il-persuna jew persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar ikunu s-sidien ta' entità ġuridika jew jikkontrollaw entità ġuridika permezz ta' titolu ta' proprjetà jew ta' kontroll dirett jew indirett ta' perċentwali suffiċjenti ta' l-ishma jew tad-drittijiet tal-vot f'dik l-entità legali, anke permezz ta' *bearer share holdings*, minbarra kumpannija reġistrata f'suq regolat li tkun suġġetta għal rekwiżiti ta' żvelar konformi mal-liġi Komunitarja jew suġġetta għal *standards* internazzjonali ekwivalenti; perċentwali ta' 25% u sehem wieħed għandhom jitqiesu bħala suffiċjenti sabiex jiġi sodisfatt dan il-kriterju;

- (ii) il-persuna jew persuni fiżiċi li bi kwalunkwe mod ieħor jeżerċitaw kontroll fuq it-tmexxija ta' l-entità ġuridika;
- (b) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi, bħal fondazzjonijiet, u ta' arranġamenti ġuridiċi, bħal *trusts*, li jamministraw u jqassmu fondi:
- (i) fejn il-benefiċjarji futuri diġa ġew determinati, il-persuna jew persuni fiżiċi li jkunu l-benefiċjarji ta' 25% jew aktar tal-proprjetà ta' l-arranġament ġuridiku jew entità ġuridika;
  - (ii) fejn l-individwi li jibbenefikaw mill-arranġament jew entità ġuridiċi għad iridu jiġu determinati, il-klassi tal-persuni li fl-interess prinċipali tagħhom l-arranġament ġuridiku jew l-entità ġuridika huma mwaqqfa jew joperaw;
  - (iii) il-persuna jew persuni fiżiċi li jeżerċitaw kontroll fuq 25% jew aktar tal-proprjetà ta' l-arranġament ġuridiku jew entità ġuridika;

- (7) “fornituri ta’ servizzi ta’ *trust* jew ta’ kumpanniji” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li bħala eżerċizzju ta’ negozju tipprovdi lil terzi kwalunkwe wieħed mis-servizzi li ġejjin:
- (a) il-formazzjoni ta’ kumpanniji jew ta’ persuni ġuridiċi oħrajn;
  - (b) il-qadi ta’ dmirijiet, jew l-arranġament sabiex persuna oħra isservi, bħala direttur jew segretarju ta’ kumpannija, jew bħala soċju f’soċjetà, jew f’xi pożizzjoni simili marbuta ma’ persuni ġuridiċi oħra;
  - (ċ) il-fornitura ta’ uffiċċju reġistrat, jew ta’ indirizz kummerċjali, jew ta’ indirizz ta’ korrispondenza jew amministrattiv u servizzi oħra relatati, lil xi kumpannija, soċjetà jew kwalunkwe persuna ġuridika jew arranġament ġuridiku ieħor;
  - (d) il-qadi ta’ dmirijiet, jew l-arranġament sabiex persuna oħra isservi, bħala *trustee* ta’ *express trust* jew ta’ arranġament ġuridiku simili ieħor;
  - (e) il-qadi ta’ dmirijiet, jew l-arranġament sabiex persuna oħra isservi, bħala azzjonista nominat għal persuna oħra li ma tkunx kumpannija reġistrata fuq suq regolat suġġetta għal rekwiżiti ta’ żvelar konformi mal-liġi Komunitarja jew suġġetta għal *standards* internazzjonali ekwivalenti;

- (8) “persuni esposti politikament” tfisser persuni fiżiċi li jkunu jew li kienu fdati b’funzjonijiet pubbliċi prominenti u membri tal-familja immedjati jew persuni magħrufa bħala assoċjati stretti ta’ dawn il-persuni;
- (9) “relazzjoni ta’ negozju” tfisser relazzjoni ta’ negozju, professjonali jew kummerċjali li tkun marbuta ma’ l-attivitajiet professjonali ta’ l-istituzzjonijiet u l-persuni suġġetti għal din id-Direttiva u li tkun mistennija, fiż-żmien meta jsir il-kuntratt, li jkollha element dewwiemi;
- (10) “shell bank” tfisser istituzzjoni ta’ kreditu, jew istituzzjoni li tiegħu sehem f’attivitajiet ekwivalenti, inkorporata f’għurisdizzjoni fejn ma għandhiex preżenza fiżika, li tinvolvi klijent u amministrazzjoni sinifikanti, u li ma tkunx affiljata f’xi grupp finanzjarju regolat.

#### *Artikolu 4*

1.L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva ikunu estiżi kompletament jew parzjalment għal professjonijiet u għal kategoriji ta' impriżi, għajr istituzzjonijiet u persuni msemmija fl-Artikolu 2(1), li jeżerċitaw attivitajiet li partikolarment x'aktarx jintużaw għal skopijiet ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

2.Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jestendi d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal professjonijiet u kategoriji ta' impriżi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 2(1), dan għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

#### *Artikolu 5*

L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ disposizzjonijiet aktar stretti fil-qasam kopert minn din id-Direttiva sabiex jipprevjenu l-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu.

# Kapitolu II

## Diliġenza dovuta mal-klijent

### TAQSIMA 1

#### DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

##### *Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji milli jżommu kontijiet anonimi jew kotba anonimi ta' depożiti bankarji. B' deroga mill-Artikolu 9(6), l-Istati Membri għandhom fil-każijiet kollha jesiġu li s-sidien u l-benefiċjarji ta' kontijiet anonimi eżistenti jew kotba anonimi ta' depożiti bankarji isiru suġġetti għal miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ qabel ma l-kontijiet jew il-kotba ta' depożiti bankarji jintużaw fi kwalunkwe mod.

##### *Artikolu 7*

L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent fil-każijiet li ġejjin:

- (a) meta jistabbilixxu relazzjoni ta' negozju;
- (b) meta jagħmlu transazzjonijiet okkażjonali li jammontaw għal EUR 15 000 jew iżjed, sew jekk it-transazzjoni ssir f'operazzjoni waħda jew jekk issir f'diversi operazzjonijiet li jidhru li marbuta ma xulxin;

- (ċ) fejn ikun hemm suspett ta' *money laundering* jew finanzjament tat-terroriżmu, tkun xi tkun id-deroga, l-eżenzjoni jew l-ammont operattiv;
- (d) meta jkun hemm dubbji dwar il-veraċità jew l-adegwatezza ta' *data* ta' identifikazzjoni tal-klijent miksuba qabel.

### *Artikolu 8*

1. Il-miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent għandhom jinkludu:
  - (a) l-identifikazzjoni tal-klijent u l-verifika ta' l-identità tal-klijent fuq il-bażi ta' dokumenti, *data* jew informazzjoni li jinkisbu minn sors affidabbli u indipendenti;
  - (b) l-identifikazzjoni, fejn ikun applikabbli, tas-sid benefiċjarju u t-teħid ta' miżuri li jieħdu kont tar-riskji u li jkunu adegwati sabiex tiġi verifikata l-identità tiegħu b'tali mod li l-istituzzjoni jew il-persuna jkunu sodisfatti li jafu min ikun is-sid benefiċjarju, inkluż, fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, *trusts* u arranġamenti ġuridiċi simili, it-teħid ta' miżuri li jieħdu kont tar-riskji u li jkunu adegwati sabiex tinftiehem l-istruttura ta' proprjetà u ta' kontroll tal-klijent;
  - (ċ) il-ksib ta' informazzjoni dwar l-iskop u n-natura prevista tar-relazzjoni ta' negozju;

- (d) L-eżerċizzju ta' sorveljanza kontinwa tar-relazzjoni ta' negozju inkluż skrutinju tat-transazzjonijiet matul il-kors ta' dik ir-relazzjoni sabiex ikun żgurat li t-transazzjonijiet li jkunu qegħdin jitwettqu jkunu konsistenti mal-konozzenza ta' l-istituzzjoni jew tal-persuna dwar il-klijent, in-negozju u l-profil tar-riskju, kif ukoll, fejn ikun neċessarju, dwar is-sors tal-fondi u jiġi żgurat li d-dokumenti, id-*data* jew l-informazzjoni miżmuma ikunu dejjem aġġornati.
2. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom japplikaw kull waħda mir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta mal-klijent stabbiliti fil-paragrafu 1, iżda jistgħu jistabbilixxu l-firxa ta' dawn il-miżuri fuq bażi tal-konozzenza tar-riskju skond it-tip ta' klijent, relazzjoni ta' negozju, prodott jew transazzjoni. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom ikunu jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti imsemmija fl-Artikolu 37, inklużi korpi awto-regolatorji, li l-entità tal-miżuri hija adattata fid-dawl tar-riskji tal-*money laundering* u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

#### *Artikolu 9*

1. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-identità tal-klijent u tas-sid benefiċjarju jiġu verifikati qabel ma tiġi stabbilita r-relazzjoni ta' negozju jew it-twettiq tat-transazzjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-identitajiet tal-klijent u tas-sid benefiċjarju jiġu verifikati waqt li tiġi stabbilita relazzjoni ta' negozju jekk dan ikun neċessarju sabiex ma tiġix interrotta t-tmexxija normali tan-negozju u fejn hemm ftit riskju li jkun hemm *money laundering* jew finanzjament tat-terroriżmu. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, dawn il-proċeduri għandhom jitlestew hekk kif ikun prattiku wara l-kuntatt tal-bidu.
3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward tan-negozju ta' l-assikurazzjoni fuq il-ħajja, jippermettu li l-verifika ta' l-identità tal-benefiċjarju tal-polza ssir wara li tiġi stabbilita r-relazzjoni ta' negozju. F'dak il-każ, il-verifika għandha ssir fil-waqt jew qabel il-waqt tal-ħlas jew fil-waqt jew qabel il-waqt li l-benefiċjarju ikollu l-ħsieb li juża d-drittijiet mogħtija mill-polza.
4. Bħala deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-ftuħ ta' kont bankarju kemm-il darba ikun hemm salvagwardji adegwati fis-seħħ sabiex jiżguraw li ma jitwettqux transazzjonijiet mill-klijent jew f'ismu sakemm ma tiġix żgurata l-konformità kompleta mad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.
5. L-Istati Membri għandhom jesigū li, fejn l-istituzzjoni jew il-persuna konċernata ma jistgħux jikkonformaw mal-punti (a), (b) u (ċ) ta' l-Artikolu 8(1), dawn ma jistgħux iwettqu transazzjonijiet permezz ta' kont bankarju, jew jistabbilixxu relazzjoni ta' negozju jew iwettqu t-transazzjoni, jew ikollhom itemmuir-relazzjoni ta' negozju, u jkollhom jikkonsidraw li jagħmlu rapport lill-unità ta' l-intelliġenza finanzjarja (*FIU*) skond l-Artikolu 22 fir-rigward tal-klijent.

L-Istati Membri mhumiex obbligati japplikaw din id-disposizzjoni f' sitwazzjonijiet fejn nutara, professjonisti legali indipendenti, awdituri, *accountants* u konsulenti tat-taxxa esterni ikunu qegħdin jaċċertaw il-posizzjoni legali għall-klijent tagħhom jew jaqdu dmirijietom billi jiddefendu jew jirrappreżentaw dak il-klijent fi proċedimenti ġudizzjarji, jew in konnessjoni magħhom, anke billi jagħtu pariri dwar il-ftuħ jew l-evitar ta' proċedimenti legali.

6. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b' din id-Direttiva japplikaw proċeduri ta' diliġenza dovuta mhux biss mal-klijenti ġodda iżda wkoll fi żminijiet xierqa ma' klijenti eżistenti fuq il-bażi tal-konoxxenza tar-riskji.

#### *Artikolu 10*

1. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-klijenti kollha tal-każinojiet jiġu identifikati u li l-identità tagħhom tiġi verifikata jekk jixtru jew jibdlu ċippi tal-logħob b'valur ta' EUR 2 000 jew aktar.
2. Il-każinojiet suġġetti għas-supervizzjoni ta' l-Istat għandhom jitqiesu fi kwalunkwe każ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta jekk huma jirreġistraw u jidentifikaw il-klijenti, u jivverifikaw l-identità tagħhom, immedjatament mad-dħul jew qabel, immaterjalment mill-ammont ta' ċippi tal-logħob mixtrija.

## TAQSIMA 2

### DILIĠENZA DOVUTA SIMPLIFIKATA MAL-KLIJENT

#### *Artikolu 11*

1. B'deroga mill-Artikoli 7(a), (b) u (d), 8 u 9(1), l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva ma għandhomx ikunu suġġetti għar-rekwiżiti msemmija f'dawk l-Artikoli fejn il-klijent ikun istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja koperta minn din id-Direttiva, jew istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja li tkun tinsab f'pajjiż terz li jimponi rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva u li tkun sorveljata għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.
2. B'deroga mill-Artikoli 7(a), (b) u (d), 8 u 9(1) l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva li ma japplikawx id-diliġenza dovuta mal-klijent fir-rigward ta':
  - (a) kumpanniji kkwotati li t-titoli tagħhom ikunu aċċettati għan-negozju f'suq regolat fis-sens tad-Direttiva 2004/39/KE fi Stat Membru wieħed jew aktar u kumpanniji kkwotati ta' pajjiżi terzi li jkunu suġġetti għal rekwiżiti ta' żvelar konsistenti mal-liġi Komunitarja;

(b) sidien benefiċjarji ta' kontijiet akkomunati miżmuma minn nutara u professjonisti legali indipendenti oħra mill-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi sakemm ikunu suġġetti għal rekwiżiti li jikkombattu *l-money laundering* jew il-finanzjament tat-terroriżmu konsistenti ma' l-*standards* internazzjonali u jkunu sorveljati għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u sakemm l-informazzjoni dwar l-identità tas-sid benefiċjarju tkun disponibbli, meta mitluba, għall-istituzzjonijiet li jaġixxu bħala istituzzjonijiet depożitarji għall-kontijiet akkomunati;

(ċ) awtoritajiet pubbliċi domestiċi,

jew fir-rigward ta' kwalunkwe klient ieħor li jirrappreżenta riskju baxx ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu li jissodisfa l-kriterji tekniċi stabbiliti skond l-Artikolu 40(1)(b).

3. Fil-każijiet msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom fi kwalunkwe każ jiġbru informazzjoni suffiċjenti sabiex jistabbilixxu jekk il-klijent jikkwalifikax għall-eżenzjoni kif imsemmi f'dawk il-paragrafi.
4. L-Istati Membri għandhom jinformat lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar każijiet fejn huma jqisu li pajjiżi terzi jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 jew 2 jew f'sitwazzjonijiet oħra li jissodisfaw il-kriterji tekniċi stabbiliti skond l-Artikolu 40(1)(b).
5. B'deroga mill-Artikoli 7(a), (b) u (d), 8 u 9(1), l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva li ma japplikawx id-diliġenza dovuta mal-klijent fir-rigward ta':

- (a) poloz ta' l-assikurazzjoni fuq il-ħajja fejn il-*premium* annwali ma jkunx iżjed minn EUR 1 000 jew il-*premium* uniku ma jkunx iżjed minn EUR 2 500;
- (b) poloz ta' l-assikurazzjoni għal skemi ta' pensjonijiet jekk ma jkunx hemm applikabbli klawsola ta' ċediment u l-polza ma tistax tintuża bħala garanzija;
- (ċ) skema ta' pensjoni, jew ta' *superannuation* jew skema simili li tipprovdli benefiċċji ta' l-irtirar għall-impjegati, fejn il-kontribuzzjonijiet isiru permezz tat-tnaqqis mill-pagi u r-regoli ta' l-iskema ma jippermettux it-trasferiment ta' l-imgħax ta' membru taħt l-iskema;
- (d) flus elettroniċi, kif definiti fl-Artikolu 1(3)(b) tad-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-supervizzjoni prudenti tal-kummerċ ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi<sup>1</sup>, fejn, jekk l-istrument ma jistax jiġi rikarigat, l-ammont massimu miżmum fl-istrument ma jkunx aktar minn EUR 150, jew fejn, jekk l-istrument jista' jiġi rikarigat, ikun impost limitu ta' EUR 2 500 fuq l-ammont totali tat-transazzjoni f'sena kalendarja, għajr meta ammont ta' EUR 1 000 jew aktar jinfeda f'dik l-istess sena kalendarja mid-detentur kif imsemmi l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/46/KE,

jew fir-rigward ta' kwalunkwe prodott ieħor jew transazzjoni li jirrapreżentaw riskju baxx ta' *money laundering* jew finanzjament ta' terroriżmu u li jkunu jissodisfaw il-kriterji tekniċi stabbiliti skond l-Artikolu 40(1)(b)

---

<sup>1</sup> ĠU L 275, 27.10.2000, p.39.

## *Artikolu 12*

F'każ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond l-Artikolu 40(4), l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva milli japplikaw il-forma simplifikata tad-diliġenza dovuta fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji jew kumpanniji reġistrati tal-pajjiż terz konċernat jew entitajiet oħra sussegwenti għal sitwazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji tekniċi stabbiliti skond l-Artikolu 40(1)(b).

## **TAQSIMA 3**

### **DILIĠENZA DOVUTA MSAĦĦA MAL-KLIJENT**

## *Artikolu 13*

1. L-Istati Membri għandhom jesigū mill-istituzzjonijiet u mill-persuni koperti minn din id-Direttiva, li japplikaw, fuq il-bażi tal-konoxxenza tar-riskju, miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta mal-klijent, flimkien mal-miżuri msemmija fl-Artikoli 7, 8 u 9(6), f'sitwazzjonijiet li min-natura tagħhom jistgħu joħlqu riskju ikbar ta' *money laundering* jew tal-finanzjament tat-terroriżmu, u għallinqas fis-sitwazzjonijiet previsti fil-paragrafi 2, 3, u 4 u f'sitwazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw riskju kbir ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu li jissodisfaw il-kriterji tekniċi stabbiliti skond l-Artikolu 40(1)(c).

2. Fejn il-klijent ma kienx preżenti fiżikament għall-finijiet ta' identifikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jesigū li daww l-istituzzjonijiet u persuni japplikaw miżuri speċifiċi u adatti sabiex jikkompensaw għar-riskju ikbar, per eżempju billi japplikaw waħda, jew aktar, minn dawn il-miżuri li ġejjin:
  - (a) jiżguraw li l-identità tal-klijent tiġi stabbilita b' dokumenti, *data* jew informazzjoni addizzjonali;
  - (b) jieħdu miżuri supplimentari li jivverifikaw jew jiċċertifikaw id-dokumenti provduti, jew jesigū ċertifikazzjoni konfermanti minn istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja koperta minn din id-Direttiva;
  - (ċ) jiżguraw li l-ewwel pagament ta' l-operazzjonijiet isir permezz ta' kont miftuħ fl-isem tal-klijent ma' istituzzjoni ta' kreditu.
  
3. Fir-rigward ta' relazzjoni ta' korrispondenza bankarja transkonfinali ma' istituzzjonijiet rispondenti minn pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom jesigū mill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li:
  - (a) jiġbru informazzjoni suffiċjenti dwar istituzzjoni rispondenti sabiex jifhmu interament in-natura tan-negozju ta' l-istituzzjoni rispondenti u jiddeterminaw minn informazzjoni pubblika disponibbli r-reputazzjoni ta' l-istituzzjoni u l-kwalità ta' superviżjoni;
  - (b) jagħmlu stima tal-kontrolli kontra l-*money laundering* u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu ta' l-istituzzjoni rispondenti;
  - (ċ) jiksbu l-approvazzjoni tal-livelli għolja ta' ġestjoni qabel jistabbilixxu relazzjonijiet korrispondenti ġodda;

- (d) jiddokumentaw ir-responsabbiltajiet rispettivi ta' kull istituzzjoni;
  - (e) fir-rigward ta' pagamenti permezz ta' trasferimenti minn kontijiet, ikunu sodisfatti li l-istituzzjoni ta' kreditu risponenti ivverifikat l-identità tal-klijenti u prattikat id-diliġenza dovuta fuq bażi kontinwa mal-klijenti li jkollhom aċċess dirett għall-kontijiet tal-korrispondent u li tkun kapaċi tipprovdi *data* rilevanti għall-finijiet tad-diliġenza dovuta fuq talba ta' l-istituzzjoni korrispondenti.
4. Fir-rigward ta' transazzjonijiet jew relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni esposti politikament li jkunu residenti fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, l-Istati Membri għandhom jesigū mill-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva li:
- (a) jkollhom proċeduri bbażati fuq ir-riskju sabiex jistabbilixxu jekk il-klijent huwiex persuna esposta politikament;
  - (b) jkollhom l-approvazzjoni tal-livelli għolja ta' ġestjoni qabel jistabbilixxu relazzjonijiet ta' negozju ma' klijenti bħal dawn;
  - (ċ) jieħdu miżuri adegwati sabiex jistabbilixxu s-sors tal-beni u s-sors tal-fondi li jkunu involuti fir-relazzjoni ta' negozju jew fit-transazzjoni;
  - (d) iwettqu sorveljanza kontinwa aktar stretta tar-relazzjoni ta' negozju.
5. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu milli jidħlu jew ikomplu relazzjoni bankarja korrispondenti ma' *shell bank* u għandhom jesigū li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li la jibdew u lanqas ikomplu relazzjonijiet bankarji korrispondenti ma' bank li jkun magħruf li jippermetti li l-kontijiet tiegħu jintużaw minn *shell bank*.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jagħtu attenzjoni speċjali lil kwalunkwe theddida ta' *money laundering* jew finanzjament tat-terroriżmu li tista' tiġi minn prodotti jew transazzjonijiet li jistgħu jiffavorixxu l-anonimità, u għandhom jieħdu miżuri, jekk ikun hemm bżonn, sabiex jevitaw l-użu tagħhom fi skemi ta' *money laundering* jew finanzjament tat-terroriżmu.

## TAQSIMA 4

### IMPLEMENTAZZJONI MINN TERZI

#### *Artikolu 14*

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jafdaw terzi sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(1)(a) sa (ċ). Madankollu, ir-responsabbiltà finali għall-osservanza ta' dawk ir-rekwiżiti għandha tibqa' ta' l-istituzzjoni jew il-persuna koperta minn din id-Direttiva li tafda t-terz.

## Artikolu 15

1. Fejn Stat Membru jippermetti li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji msemmija fl-Artikolu 2(1)(1) jew (2), li jinsabu fit-territorju tiegħu, jintużaw domestikament bħala terzi, dak l-Istat Membru għandu fi kwalunkwe każ jippermetti l-istituzzjonijiet u l-persuni tiegħu msemmija fl-Artikolu 2(1) jirrikonoxxu u jaċċettaw, skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14, ir-riżultat tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta mal-klijent stabbiliti fl-Artikolu 8(1)(a) sa (ċ), li jitwettqu skond din id-Direttiva minn istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(1) jew (2) fi Stat Membru ieħor (bl-eċċezzjoni ta' uffiċċji tal-kambju u uffiċċji tat-trasmissjoni jew dispaċċ tal-flus) u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 16 u 18, anke jekk id-dokumenti jew id-*data* li fuqhom dawk ir-rekwiżiti kienu bbażati huma differenti minn dawk meħtieġa fl-Istat Membru li lilu l-klijent jiġi riferut.
2. Fejn Stat Membru jippermetti li l-uffiċċji tal-kambju u l-uffiċċji tat-trasmissjoni jew tad-dispaċċ tal-flus, imsemmija fl-Artikolu 3(2)(a), li jinsabu fit-territorju tiegħu, jintużaw domestikament bħala terzi, dak l-Istat Membru għandu fi kwalunkwe eventwalità jippermettilhom li jirrikonoxxu u jaċċettaw, skond l-Artikolu 14, ir-riżultat tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta stabbiliti fl-Artikolu 8(1)(a) sa (ċ), li jitwettqu skond din id-Direttiva mill-istess kategorija ta' istituzzjoni fi Stat Membru ieħor u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 16 u 18, anke jekk id-dokumenti jew id-*data* li fuqhom dawk ir-rekwiżiti kienu bbażati huma differenti minn dawk meħtieġa fl-Istat Membru li lilu l-klijent jiġi riferut.

3. Fejn Stat Membru jippermetti li l-persuni msemija fl-Artikolu 2(1)(3)(a) sa (ċ), li jinsabu fit-territorju tiegħu, jintużaw domestikament bħala terzi, dak l-Istat Membru għandu fi kwalunkwe eventwalità jippermettilhom li jirrikonoxxu u jaċċettaw, skond l-Artikolu 14, ir-riżultat tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta mal-klijent stabbiliti fl-Artikolu 8(1)(a) sa (ċ), li jitwettqu skond din id-Direttiva minn persuna msemija fl-Artikolu 2(1)(3)(a) sa (ċ)fi Stat Membru ieħor u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 16 u 18, anke jekk id-dokumenti jew id-*data* li fuqhom dawk ir-rekwiżiti kienu bbażati huma differenti minn dawk meħtieġa fl-Istat Membru li lilu l-klijent jiġi riferut.

### *Artikolu 16*

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, 'terzi' għandha tfisser l-istituzzjonijiet u l-persuni li huma elenkati fl-Artikolu 2, jew istituzzjonijiet u persuni ekwivalenti li jkunu jinsabu f'pajjiż terz, li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni professjonali obligatorja, rikonoxxuta mil-liġi;
  - (b) japplikaw ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta mal-klijent u r-rekwiżiti taż-żamma ta' reġistri kif stabbiliti jew ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva u l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva tkun sorveljata skond it-Taqsima 2 tal-Kapitolu V, jew ikunu jinsabu f'pajjiż terz li jimponi rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.
2. L-Istati Membri għandhom jinformat lil xulxin u lill-Kummissjoni bil-każijiet fejn iqisu li pajjiż terz jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(b).

### *Artikolu 17*

Fejn il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond l-Artikolu 40(4), l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva milli jafdaw terzi mill-pajjiż terz konċernat sabiex iwettqu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(1)(a) sa (ċ).

### *Artikolu 18*

1. It-terzi għandhom jagħmlu l-informazzjoni mitluba skond ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(1)(a) sa (ċ) immedjatament disponibbli lill-istituzzjoni jew persuna li lilha jiġi riferut il-klijent.
2. Fejn issir talba għalihom, il-kopji rilevanti tad-*data* ta' identifikazzjoni u ta' verifikazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti oħra dwar l-identità tal-klijent jew tas-sid benefiċjarju għandhom jintbagħtu minnufih mit-terz lill-istituzzjoni jew persuna li lilha jiġi riferut il-klijent.

### *Artikolu 19*

Din it-Taqsima ma għandhiex tapplika għar-relazzjonijiet ta' *outsourcing* jew ta' aġenzija fejn, abbażi ta' ftehim kontrattwali, il-fornitur tas-servizz ta' *outsourcing* jew l-aġent għandu jitqies bħala parti mill-istituzzjoni jew persuna koperta minn din id-Direttiva.

## **Kapitolu III**

### **Obbligazzjonijiet ta' rapportaġġ**

#### **TAQSIMA 1**

#### **DISPOSIZZJONIET ĠENERALI**

### *Artikolu 20*

L-Istati Membri għandhom jesigū li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jagħtu attenzjoni speċjali lil kwalunkwe attività li huma jqisu, min-natura tagħha, b'mod partikolari x'aktarx relatata ma' *money laundering* jew finanzjament tat-terroriżmu u b'mod partikolari, lil transazzjonijiet kumplessi jew insolitament kbar u lill-forom kollha ta' transazzjonijiet li ma jkollhomx skop ekonomiku apparenti jew skop legali viżibbli.

## Artikolu 21

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi *FIU* sabiex jiġġieled b'mod effettiv il-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu.
2. Dik l-*FIU* għandha tkun imwaqqfa b'hal unità nazzjonali ċentrali. Din għandha tkun responsabbli sabiex tirċievi (u sa fejn ikun permess), titlob, tanalizza u tqassam lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni żvelata dwar *money laundering* jew finanzjament terroristiku potenzjali jew li tkun meħtieġa mil-liġi nazzjonali jew minn regolamenti nazzjonali. Din għandha tingħata r-riżorsi adegwati sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-*FIU* ikollha aċċess, dirett jew indirett, tempestivament, għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u konnessa ma' l-infurzar tal-liġi li hija tkun teħtieġ sabiex twettaq adegwament il-funzjonijiet tagħha.

## Artikolu 22

1. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva, u fejn applikabbli d-diretturi u l-impjegati tagħhom, jikkoperaw b'mod sħiħ:
  - (a) billi minnufih jinformaw lill-*FIU*, minn rajhom, fejn l-istituzzjoni jew il-persuna koperta minn din id-Direttiva taf, tissuspetta jew għandha motivi raġonevoli sabiex tissuspetta li qiegħed jitwettaq jew ġie mwettaq jew attentat il-*money laundering* jew il-finanzjament tat-terroriżmu ;

(b) billi jipprovdu fil-pront lill-*FIU* fuq talba tagħha, l-informazzjoni neċessarja kollha, skond il-proċeduri stabbiliti mil-liġi applikabbli.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat lill-*FIU* ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab l-istituzzjoni jew il-persuna li tibgħat l-informazzjoni. Il-persuna jew persuni nominati skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 34 għandhom normalment jibagħtu l-informazzjoni.

### *Artikolu 23*

1. B'deroga mill-Artikolu 22(1), l-Istati Membri jistgħu, fil-każ tal-persuni msemmija fl-Artikolu 2(1)(3)(a) u (b), jinnominaw korp awto-regolatorju adatt tal-professjoni konċernata bħala l-awtorità li tiġi informata fl-ewwel istanza minflok l-*FIU*. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-korp awto-regolatorju nominat għandu f'dawn il-każijiet jibgħat l-informazzjoni lill-*FIU* fil-pront u mingħajr ma tkun ġiet filtrata.

2. L-Istati Membri mhumiex obbligati japplikaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 22(1) fil-konfront ta' nutara, professjonisti legali indipendenti, awdituri, *accountants* esterni u konsulenti tat-taxxa fir-rigward ta' informazzjoni li huma jirċievu minn xi wieħed mill-klijenti tagħhom jew li jiksbu dwaru, matul l-aċċertament tal-pożizzjoni legali tal-klijent tagħhom jew matul il-qadi ta' dmirijiethom permezz tad-difiża jew rappreżentanza ta' dak il-klijent fi proċedimenti ġudizzjarji, jew in konnessjoni magħhom, anke billi jagħtu pariri dwar il-ftuħ jew l-evitar ta' proċedimenti legali, kemm jekk tali informazzjoni tiġi riċevuta jew miksuba qabel kif ukoll jekk wara tali proċedimenti.

#### *Artikolu 24*

1. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva ma jwettqux transazzjonijiet li huma jafu jew jissuspettaw li huma marbuta mal-*money laundering* jew mal-finanzjament tat-terroriżmu sakemm ma jkunux wettqu kompletament l-azzjoni neċessarja skond l-Artikolu 22(1)(a). Konformement mal-liġijiet ta' l-Istati Membri, jistgħu jingħataw istruzzjonijiet sabiex ma titwettaqx it-transazzjoni.
2. Fejn ikun hemm suspett li tali transazzjoni tagħti lok għal *money laundering* jew għal finanzjament tat-terroriżmu u fejn ikun impossibbli li ma titwettaqx tali transazzjoni jew fejn, jekk ma titwettaqx tali transazzjoni, jistgħu jixxekklu l-isforzi sabiex jiġu insegwiti l-benefiċjarji ta' xi operazzjoni suspettata ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, l-istituzzjonijiet u l-persuni konċernati għandhom jinformat lill-*FIU* immedjatament wara.

### *Artikolu 25*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk, fil-kors ta' l-ispezzjonijiet li jsiru fl-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva mill-awtoritajiet kompetenti imsemmija fl-Artikolu 37, jew bi kwalunkwe mod ieħor, dawk l-awtoritajiet jiskopru fatti li jistgħu jkunu relatati mal-*money laundering* jew mal-finanzjament tat-terroriżmu, huma għandhom javżaw fil-pront lill-*FIU*.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' sorveljanza li għandhom is-setgħa bil-liġi jew b'regolament li jikkontrollaw il-Borża, is-swieq tal-kambju u s-swieq finanzjarji javżaw lill-*FIU* jekk jiskopru fatti li jistgħu jkunu relatati mal-*money laundering* jew mal-finanzjament tat-terroriżmu.

### *Artikolu 26*

L-iżvelar in bona fede, kif previst fl-Artikoli 22(1) u 23, mill-istituzzjoni jew persuna koperta minn din id-Direttiva jew minn impjegat jew direttur ta' tali istituzzjoni jew persuna ta' l-informazzjoni imsemmija fl-Artikoli 22 u 23 ma għandux jikkostitwixxi ksur ta' kwalunkwe restrizzjoni fuq l-iżvelar ta' informazzjoni imposta b'kuntratt jew bi kwalunkwe disposizzjoni leġislattiva, regulatorja jew amministrattiva, u ma għandux jinvolvi xi responsabbiltà, ta' kwalunwke tip, ta' l-istituzzjoni jew persuna jew tad-diretturi jew impjegati tagħha.

## *Artikolu 27*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti kollha sabiex jipproteġu, milli jkunu esposti għat-theddid jew għal xi azzjoni ostili, lill-impjegati ta' l-istituzzjonijiet jew persuni koperti minn din id-Direttiva li jirrapportaw suspetti ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kemm meta jagħmlu dan internament kif ukoll meta jagħmlu dan lill-*FIU*.

## **TAQSIMA 2**

### **PROJBIZZJONI TA' ŻVELAR**

## *Artikolu 28*

1. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva u d-diretturi u l-impjegati tagħhom ma għandhomx jiżvelaw, lill-klijent konċernat u lanqas lil terzi, il-fatt li intbagħtet informazzjoni lill-*FIU* skond l-Artikoli 22 u 23 jew li tkun qiegħda, jew li tista', issir investigazzjoni dwar il-*money laundering* jew finanzjament tat-terroriżmu.
2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tinkludi l-iżvelar lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 37, inklużi l-korpi awto-regolatorji, jew l-iżvelar għall-finijiet ta' l-infurzar tal-liġi.

3. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi sakemm dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(1), li jappartjenu lill-istess grupp kif definit fl-Artikolu 2(12) tad-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assikurazzjoni u ditti ta' l-investment f'konglomerat finanzjarju<sup>1</sup>.
4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn persuni msemmija fl-Artikolu 2(1)(3)(a) u (b) mill-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi li jimponu rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, li jwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom, kemm bħala impjegati jew le, fl-istess persuna ġuridika jew sistema retikolata. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "sistema retikolata" tfisser struttura akbar li għaliha tappartjeni l-persuna u li taqsam b'komunanza magħha kontroll komuni fir-rigward tad-dritt ta' proprjetà, jew it-tmexxija jew il-kontroll tal-konformità.
5. Għall-istituzzjonijiet jew il-persuni msemmija fl-Artikolu 2(1)(2) u (3)(a) u (b) fil-każijiet relatati ma' l-istess klijent u ma' l-istess transazzjoni li tinvolvi żewġ istituzzjonijiet jew persuni jew aktar, il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn l-istituzzjonijiet jew persuni rilevanti sakemm dawn jinsabu fi Stat Membru, jew f'pajjiż terz li jimponi rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, u li huma mill-istess kategorija professjonali u huma suġġetti għal obbligi ekwivalenti fir-rigward tas-sigriet professjonali u l-protezzjoni tad-*data* personali. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża b'mod esklussiv għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-*money laundering* u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

---

<sup>1</sup> ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.

6. Fejn il-persuni msemmija fl-Artikolu 2(1)(3)(a) u (b) ifittxu li jiddisswadu klijent milli jieħu sehem f'attività illegali, dan ma għandux jikkostitwixxi żvelar fis-sens tal-paragrafu 1.
7. L-Istati Membri għandhom jinformat lil xulxin u lill-Kummissjoni bil-każijiet fejn huma jqisu li pajjiż terz jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3, 4 jew 5.

#### *Artikolu 29*

Fejn il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond l-Artikolu 40(4), l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-iżvelar bejn l-istituzzjonijiet u persuni koperti minn din id-Direttiva u l-istituzzjonijiet u persuni mill-pajjiż terz konċernat.

## **Kapitolu IV**

### **Żamma ta' reġistri u *data* statistika**

#### *Artikolu 30*

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jżommu d-dokumenti u l-informazzjoni, li ġejjin, għall-użu fi kwalunkwe investigazzjoni dwar, jew l-analiżi ta', *money laundering* jew finanzjament tat-terroriżmu, li jkunu eventwalment possibbli, mill-*FIU* jew minn awtoritajiet kompetenti oħra skond il-liġi nazzjonali:

- (a) fil-każ tad-diliġenza dovuta mal-klijent, kopja jew ir-referenzi tal-prova meħtieġa, għal perjodu ta' għall-inqas ħames snin wara li r-relazzjoni ta' negozju mal-klijent tagħhom tkun intemmet;
- (b) fil-każ ta' relazzjonijiet ta' negozju u transazzjonijiet, il-prova ta' sostenn u l-informazzjoni dokumentata, li jikkonsistu f' dokumenti oriġinali jew kopji ammissibli fi proċedimenti tal-qorti taħt il-liġi applikabbli nazzjonali għal perjodu ta' għall-inqas ħames snin wara t-twettiq tat-transazzjonijiet jew wara t-tmiem tar-relazzjoni ta' negozju.

### *Artikolu 31*

1. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji koperti minn din id-Direttiva japplikaw, fejn ikunu applikabbli, fil-fergħat tagħhom u s-sussidjarji li jkunu tagħhom permezz ta' maġġoranza ta' ishma li jkunu jinsabu f' pajjiżi terzi, miżuri ta' l-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti f' din id-Direttiva fir-rigward tad-diliġenza dovuta mal-klijent u taż-żamma tar-reġistri.

Fejn il-liġi ta' pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni ta' tali miżuri ekwivalenti, l-Istati Membri għandhom jesigū li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji konċernati javżaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru rilevanti dwar dan.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom javżaw lil xulxin dwar il-każijiet fejn il-liġi tal-pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa taħt l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u fejn tkun tista' tittieħed azzjoni koordinata sabiex tinstab soluzzjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jesiġu li fejn il-liġi tal-pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni tal-miżuri mitluba taħt l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji jieħdu miżuri supplimentari sabiex jittrattaw b' mod effettiv ir-riskju ta' *money laundering* jew tal-finanzjament tat-terroriżmu.

### *Artikolu 32*

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji tagħhom ikollhom sistemi stabbiliti li jgħinuhom jirrispondu bis-sħiħ u malajr għal talbiet mill-*FIU*, jew minn awtoritajiet oħra skond il-liġi nazzjonali tagħhom, għal informazzjoni dwar jekk huma għandhomx jew kellhomx matul il-ħames snin preċedenti relazzjoni ta' negozju ma' persuna ġuridika jew fiżika speċifikata u dwar in-natura ta' dik ir-relazzjoni.

### *Artikolu 33*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jirrivedu l-effikaċja tas-sistemi tagħhom kontra l-*money laundering* jew il-finanzjament tat-terroriżmu billi jżommu statistika komprensiva dwar materji li jkunu rilevanti għall-effikaċja ta' tali sistemi.

2. Dawn l-istatistiċi għandhom bħala minimu jkopru n-numru ta' rapporti dwar transazzjonijiet suspettużi lill-*FIU*, il-miżuri sussegwentement meħuda abbażi ta' dawn ir-rapporti u jindikaw fuq bażi annwali n-numru ta' każijiet investigati, in-numru ta' persuni li ġew mħarrka, in-numru ta' persuni li nstabu haġja ta' *money laundering* jew tal-finanzjament tat-terroriżmu, u kemm proprjetà ġiet iffriżata, maqbuda jew konfiskata.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi pubblikata reviżjoni konsolidata ta' dawn ir-rapporti statistiċi.

## **Kapitolu V**

### **Miżuri ta' infurzar**

#### **TAQSIMA 1**

#### **PROĊEDURI INTERNI, TAĦRIĠ U *FEEDBACK***

##### *Artikolu 34*

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jstabbilixxu linji ta' kondotta u proċeduri adegwati u adatti rigward id-diliġenza dovuta mal-klijent, ir-rapportaġġ, l-immaniġġar tar-riskju, l-immaniġġar tal-konformità, u l-komunikazzjoni sabiex jiġu antiċipati u prevenuti operazzjonijiet konnessi mal-*money laundering* jew mal-finanzjament tat-terroriżmu.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji koperti minn din id-Direttiva jikkomunikaw il-linji ta' kondotta u l-proċeduri rilevanti, fejn japplikaw, lill-fergħat u lis-sussidjarji li jkunu tagħhom permezz ta' maġġoranza ta' ishma f'pajjiżi terzi.

### *Artikolu 35*

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jieħdu l-miżuri adatti sabiex l-impjegati rilevanti tagħhom ikunu jafu dwar id-disposizzjonijiet fis-seħħ abbażi ta' din id-Direttiva.

Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni ta' l-impjegati rilevanti tagħhom fi programmi ta' taħriġ speċjali kontinwu li jgħinuhom jagħrfu dawk l-operazzjonijiet li jistgħu jkunu relatati mal-*money laundering* jew mal-finanzjament tat-terroriżmu u li jagħtuhom istruzzjonijiet dwar kif għandhom jipproċedu f'każijiet bħal dawn.

Fejn persuna fiżika li taqa' f'waħda mill-kategoriji elenkati fl-Artikolu 2(1)(3) teżegwixxi l-attivitajiet professjonali tagħha bħala impjegat ta' persuna ġuridika, l-obbligi stabbiliti f'din it-Taqsima għandhom japplikaw għal dik il-persuna ġuridika minflok għall-persuna fiżika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jkollhom aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar il-prattika tal-*money laundering* u ta' dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu u dwar l-indikazzjonijiet li jwasslu għall-għarfien ta' transazzjonijiet suspettużi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, kull meta jkun prattiku, jingħata *feedback* tempestiv dwar l-effikaċja, u dwar il-miżuri sussegwentement meħuda abbażi, tar-rapporti ta' *money laundering* jew finanzjament tat-terroriżmu li jkunu suspettati.

## TAQSIMA 2 SUPERVIŻJONI

### *Artikolu 36*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex l-uffiċċji tal-kambju u l-fornituri ta' servizzi ta' *trusts* u ta' kumpanniji jkunu liċenzjati jew reġistrati sabiex ikunu jistgħu joperaw legalment. Mingħajr preġudizzju għal leġislazzjoni futura tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jesigū li l-uffiċċji tat-trasmissjoni tal-flus jew tad-dispaċċ tal-flus ikunu liċenzjati jew reġistrati sabiex ikunu jistgħu joperaw legalment.
2. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-awtoritajiet kompetenti jirrifjutaw li jilliċenzjaw jew jirreġistraw l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jekk ma jkunux sodisfatti li l-persuni li effettivament imexxu jew sejrjn jmexxu n-negozju ta' entitajiet bħal dawn jew is-sidien benefiċjarji ta' entitajiet bħal dawn huma persuni adatti u xierqa.

### *Artikolu 37*

1. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-inqas jissorveljaw effikaċement u jieħdu l-miżuri neċessarji bl-iskop li jiżguraw konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva mill-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat adegwati, inklużi s-setgħat li jesigū l-produzzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li tkun rilevanti għas-sorveljanza tal-konformità u li jagħmlu verifiki, u jkollhom riżorsi adegwati sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.
3. Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u każinojiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom setgħat imsaħħa ta' sorveljanza, b' mod partikolari li jagħmlu ispezjonijiet fuq il-post.
4. Fil-każ tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 2(1)(3)(a) sa (e), l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jitwettqu fuq il-bażi tal-konozzenza tar-riskju.
5. Fil-każ tal-persuni msemmija fil-Artikolu 2(1)(3)(a) u (b), l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jitwettqu minn korpi awto-regolatorji, sakemm dawn jikkonformaw mal-paragrafu 2.

### **TAQSIMA 3**

### **KOPERAZZJONI**

#### *Artikolu 38*

Il-Kummissjoni għandha tagħti dik l-għajjnuna li tista' tkun meħtieġa sabiex taġevola l-koordinazzjoni, inkluż l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-FIUs fil-Komunità.

## TAQSIMA 4

### PIENI

#### *Artikolu 39*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi koperti minn din id-Direttiva jistgħu jinżammu responsabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jimponu peni kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li jkunu jistgħu jittieħdu miżuri amministrattivi adatti jew li jistgħu jiġu mposti sanzjonijiet amministrattivi kontra l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji għall-ksur tad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri jew sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
3. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn ta' l-inqas ikunu jistgħu jinżammu responsabbli għall-ksur, kif imsemmi fil-paragrafu 1, kommess għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li tagħxi jew waħedha jew bħala parti ta' organu tal-persuna ġuridika, li tkun tokkupa posizzjoni diriġenzjali fil-persuna ġuridika, ibbażata fuq:
  - a) is-setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika, jew
  - b) l-awtorità li tiegħu deċiżjonijiet għan-nom tal-persuna ġuridika, jew
  - c) l-awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

4. Flimkien mal-każijiet diġa previsti fil-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli fejn in-nuqqas ta' sorveljanza jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 3 għamel possibbli l-ksur imsemmi fil-paragrafu 1 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

## **Kapitolu VI**

### **MIŻURI IMPLEMENTATTIVI**

#### *Artikolu 40*

1. Sabiex jittieħed kont ta' l-iżviluppi tekniċi fil-ġlieda kontra l-*money laundering* jew kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u sabiex tkun żgurata l-implementazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41(2), tadotta l-miżuri implementattivi li ġejjin:

- (a) miżuri ta' kjarifika ta' l-aspetti tekniċi tad-definizzjonijiet fl-Artikolu 3(2)(a) u (d), (6), (7), (8), (9) u (10);
  - (b) miżuri li jistabbilixxu kriterji tekniċi sabiex jiġi eżaminat jekk sitwazzjonijiet partikolari jirrappreżentawx riskju baxx ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) u (5);
  - (ċ) miżuri li jistabbilixxu kriterji tekniċi sabiex jiġi eżaminat jekk sitwazzjonijiet partikolari jirrappreżentawx riskju għoli ta' *money laundering* jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 13;
  - (d) miżuri li jistabbilixxu kriterji tekniċi sabiex jiġi eżaminat jekk, skond l-Artikolu 2(2), ikunx ġustifikat li ma tiġix applikata din id-Direttiva għal ċerti persuni ġuridiċi jew fiżiċi li jwettqu attività finanzjarja fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna.
2. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-ewwel miżuri implementattivi sabiex tagħti effett lill-paragrafi 1(b) u 1(d) sa .....
3. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41(2), tadatta l-ammonti msemmija fl-Artikoli 2(1)(3)(e), 7(b), 10(1) u 11(5)(a) u (d) filwaqt li tiegħu kont tal-leġislazzjoni Komunitarja, ta' żviluppi ekonomiċi u tat-tibdil fl-istandards internazzjonali.

---

\* 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

4. Fejn il-Kummissjoni ssib li pajjiż terz ma jissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 11(1) jew 2, fl-Artikolu 28(3), (4) jew (5), jew fil-miżuri stabbiliti skond il-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu jew fl-Artikolu 16(1)(b), jew li l-liġi ta' dak il-pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 31(1), hija għandha tadotta deċiżjoni li tiddikjara dan konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41(2).

#### *Artikolu 41*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat għall-Prevenzjoni tal-*Money Laundering* u tal-Finanzjament tat-Terroriżmu, minn hawn 'il quddiem 'il-Kumitat'.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha u bil-kondizzjoni li l-miżuri implementattivi adottati skond din il-proċedura ma jimmodifikawx id-dispożizzjonijiet essenzjali ta' din id-Direttiva.

Il-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

4. Bla pteġudizzju għall-miżuri implementattivi li jkunu diġa adottati, l-implementazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar l-adozzjoni ta' regoli u deċiżjonijiet tekniċi skond il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jġeddu d-disposizzjonijiet konċernati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat u, għal dak l-għan, għandhom jirriveđu qabel ma jiskadi l-perjodu ta' erba' snin.

## **Kapitolu VII**

### **Disposizzjonijiet finali**

#### *Artikolu 42*

Sa ...\*, u mill-inqas kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha ttejjji rapport dwar l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Għall-ewwel rapport bħal dan, il-Kummissjoni għandha tinkludi eżami speċifiku tat-trattament ta' l-avukati u ta' professjonisti legali indipendenti oħra.

---

\* Erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

### *Artikolu 43*

Sa .....\*, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-perċentwali operattivi fl-Artikolu 3(6), u tagħti attenzjoni partikolari lill-konvenjenza u lill-konsegwenzi li jkunu eventwalment possibbli tat-tnaqqis tal-perċentwali fil-punti (a)(i), (b)(i) u (b)(iii) ta' l-Artikolu 3(6) minn 25% sa 20%. Abbażi tar-rapport il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta għall-emendament ta' din id-Direttiva.

### *Artikolu 44*

Id-Direttiva 91/308/KEE hija b'dan imħassra.

Ir-referenzi li jsiru għad-Direttiva mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi magħmula għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw konformement mat-tabella ta' korrelazzjoni disposta fl-Anness.

### *Artikolu 45*

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti, u disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ...\*\*. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-disposizzjonijiet flimkien ma' tabella li tindika kif id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva jikkorrispondu għad-disposizzjonijiet nazżjonali adottati.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri.

---

\* Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

\*\* Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testijiet tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 46*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 47*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President

Għall-Kunsill  
Il-President

## ANNEX

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

|                                       |                            |
|---------------------------------------|----------------------------|
| Din id-Direttiva:                     | Id-Direttiva 91/308/KEE    |
| Artikolu 1(1)                         | Artikolu 2                 |
| Artikolu 1(2)                         | Artikolu 1(Ċ)              |
| Artikolu 1(2)(a)                      | Artikolu 1(Ċ), punt 1      |
| Artikolu 1(2)(b)                      | Artikolu 1(Ċ), punt 2      |
| Artikolu 1(2)(ċ)                      | Artikolu 1(Ċ), punt 3      |
| Artikolu 1(2)(d)                      | Artikolu 1(Ċ), punt 4      |
| Artikolu 1(3)                         | Artikolu 1(Ċ), paragrafu 3 |
| Artikolu 1(4)                         |                            |
| Artikolu 1(5)                         | Artikolu 1(Ċ), paragrafu 2 |
| Artikolu 2(1)(1)                      | Artikolu 2a(1)             |
| Artikolu 2(1)(2)                      | Artikolu 2a(2)             |
| Artikolu 2(1)(3)(a), (b) u (d) sa (f) | Artikolu 2a(3) sa (7)      |
| Artikolu 2(1)(3)(ċ)                   | -                          |
| Artikolu 2(2)                         | -                          |
| Artikolu 3(1)                         | Artikolu 1(A)              |
| Artikolu 3(2)(a)                      | Artikolu 1(B)(1)           |

|                  |   |
|------------------|---|
| Artikolu 3(2)(b) | Artikolu 1(B)(2)                                      |
| Artikolu 3(2)(ċ) | Artikolu 1(B)(3)                                      |
| Artikolu 3(2)(d) | Artikolu 1(B)(4)                                      |
| Artikolu 3(2)(e) | -   |
| Artikolu 3(2)(f) | Artikolu 1(B), paragrafu 2                            |
| Artikolu 3(3)    | Artikolu 1(D)   |
| Artikolu 3(4)    | Artikolu 1(E), paragrafu 1                            |
| Artikolu 3(5)    | Artikolu 1(E), paragrafu 2                            |
| Artikolu 3(5)(a) | -   |
| Artikolu 3(5)(b) | Artikolu 1(E), l-ewwel inċiż                          |
| Artikolu 3(5)(ċ) | Artikolu 1(E), it-tieni inċiż                         |
| Artikolu 3(5)(d) | Artikolu 1(E), it-tielet inċiż                        |
| Artikolu 3(5)(e) | Artikolu 1(E), ir-raba inċiż                          |
| Artikolu 3(5)(f) | Artikolu 1(E), il-ħames inċiż u t-tielet subparagrafu |
| Artikolu 3(6)    | -   |
| Artikolu 3(7)    | -   |
| Artikolu 3(8)    | -   |
| Artikolu 3(9)    | -   |
| Artikolu 3(10)   |   |

|                         |                     |
|-------------------------|---------------------|
| Artikolu 4              | Artikolu 12         |
| Artikolu 5              | Artikolu 15         |
| Artikolu 6              | -                   |
| Artikolu 7(a)           | Artikolu 3(1)       |
| Artikolu 7(b)           | Artikolu 3(2)       |
| Artikolu 7(ċ)           | Artikolu 3(8)       |
| Artikolu 7(d)           | Artikolu 3(7)       |
| Artikolu 8(1)(a)        | Artikolu 3(1)       |
| Artikolu 8(1)(b) sa (d) | -                   |
| Artikolu 8(2)           | -                   |
| Artikolu 9(1)           | Artikolu 3(1)       |
| Artikolu 9(2) sa (6)    | -                   |
| Artikolu 10             | Artikolu 3(5) u (6) |
| Artikolu 11(1)          | Artikolu 3(9)       |
| Artikolu 11(2) sa (4)   | -                   |
| Artikolu 11(5)(a)       | Artikolu 3(3)       |
| Artikolu 11(5)(b)       | Article 3(4)        |
| Artikolu 11(5)(ċ)       | Artikolu 3(4)       |
| Artikolu 11(5)(d)       | -                   |
| Artikolu 12             | -                   |

|                       |                       |
|-----------------------|-----------------------|
| Artikolu 13(1) u (2)  | Artikolu 3(10) u (11) |
| Artikolu 13(3) sa (5) | -                     |
| Artikolu 13(6)        | - Artikolu 5          |
| Artikolu 14           | -                     |
| Artikolu 15           | -                     |
| Artikolu 16           | -                     |
| Artikolu 17           | -                     |
| Artikolu 18           | -                     |
| Artikolu 19           | -                     |
| Artikolu 20           | Artikolu 5            |
| Artikolu 21           | -                     |
| Artikolu 22           | Artikolu 6(1) u (2)   |
| Artikolu 23           | Artikolu 6(3)         |
| Artikolu 24           | Artikolu 7            |
| Artikolu 25           | Artikolu 10           |
| Artikolu 26           | Artikolu 9            |
| Artikolu 27           | -                     |
| Artikolu 28(1)        | Artikolu 8(1)         |
| Artikolu 28(2) sa (7) | -                     |
| Artikolu 29           | -                     |

|                             |                                     |
|-----------------------------|-------------------------------------|
| Artikolu 30(a)              | Artikolu 4, l-ewwel inċiż           |
| Artikolu 30(b)              | Artikolu 4, it-tieni inċiż          |
| Artikolu 31                 | -                                   |
| Artikolu 32                 | -                                   |
| Artikolu 33                 | -                                   |
| Artikolu 34                 | Artikolu 11(1) (a)                  |
| Artikolu 35(1), paragrafu 1 | Artikolu 11(1)(b), l-ewwel sentenza |
| Artikolu 35(1), paragrafu 2 | Artikolu 11(1)(b) it-tieni sentenza |
| Artikolu 35(1), paragrafu 3 | Artikolu 11(1), paragrafu 2         |
| Artikolu 35(2)              | Artikolu 11(2)                      |
| Artikolu 35(3)              | -                                   |
| Artikolu 36                 | -                                   |
| Artikolu 37                 | -                                   |
| Artikolu 38                 | -                                   |
| Artikolu 39                 | Artikolu 14                         |
| Artikolu 40                 | -                                   |
| Artikolu 41                 | -                                   |
| Artikolu 42                 | Artikolu 17                         |
| Artikolu 43                 | -                                   |

|             |             |
|-------------|-------------|
| Artikolu 44 | -           |
| Artikolu 45 | Artikolu 16 |
| Artikolu 46 | Artikolu 16 |

---